

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Medjaturi

Medjaturi

Din it-taqsimha tal-Portal għandha tgħinek issib medjatur f'Malta.

Kif issib medjatur f'Malta

Iċ-Ċentru tal-**Medjazzjoni għal Malta** jipprovdi lill-partijiet b'lista ta' medjaturi debitament akkreditati miċ-Ċentru. Irrispettivament minn jekk ikunx każ ta' medjazzjoni volontarja jew wieħed li għie riferut liċ-Ċentru, mill-qorti jew bil-liġi, medjatur jingħażel mill-partijiet għat-tilwima mill-lista ta' medjaturi akkreditati, sakemm il-persuna magħżula tkun aċċettabbli għall-partijiet kollha għat-tilwima. Jekk il-partijiet ma jaqblux dwar l-għażla ta' medjatur li jkun aċċettabbli għalihom ilkoll, iċ-Ċentru għandu jaħtar bħala medjatur lill-persuna li isimha jkun imiss fil-lista ta' medjaturi approvati.

Fil-**medjazzjoni familjarj**, il-partijiet jistgħu, bil-kunsens tagħhom it-tnejn, jagħżlu medjatur huma mill-lista ta' persuni maħtura għal dan l-iskop mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja u jbatu huma l-ispiża ta' dan, jew inkella jiġi assenjat lilhom mill-Qorti medjatur, fuq bażi ta' rotazzjoni, minn lista ta' persuni maħtura mill-istess Ministru bħala persuni li jistgħu jagħmluha ta' medjaturi maħtura mill-qorti u f'dan il-kas id-drittijiet dovuti lill-medjaturi jitħallsu mir-Regjistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

Għalissa, għad m'hemmx regjistru elettroniku. Madankollu, jekk tkun trid iktar informazzjoni, tista' tikkuntattja liċ-Ċentru permezz tar-Regjistratur fiċ-**Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta**, Palazzo Laparelli, Triq in-Nofsinhar, Valletta VLT 1110.

B'xi tikkuntattja lir-Regjistratur tista' ċċempel fuq dan in-numru: +35621231833 jew tuża l-posta elettronika (email): info@mediationmalta.org.mt

L-aħħar aġġornament: 21/12/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.